MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 859/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Caruana)
**vs**
**Patrick Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Patrick Mangion, ta’ 28 sena, bin Anthony u Giovanna nee’ Camilleri, mwieled Qormi fit-30 ta’ Jannar 1973 u prezentament residenti gewwa il-Facilita Korrettiva ta’ Kordin u li ghandu l-karta ta’ l-identita bin-numru 68773 (M);

Talli gewwa Ta’ Xbiex, nhar il-11 ta’ Ottubru 2002, ghall-habta tas-sitta u nofs ta’ wara nofs in-nhar (6.30 pm) ikkommetta serq ta’ deheb u flus kontanti mill- fond 61 Marina Court Flat 17 Borg, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedixx l-elf lira Maltin (Lm 1,000), u bil-hin u li sehh ghad-dannu ta’ Godwin Galea minn ta’ Xbiex.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha f'idejh funzjoni pubblika, sew civili jew militar, minghajr ma kellu jedd ghaliha u ezercita xi att ta' dik il-funzjoni billi pprezenta ruhu bhal pulizija u ghamel tfittxija fil-fond fuq imsemmi.

U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi diversament presjeduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Ottubru 2002.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270,84,17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija u titlob lid-Direttur tal-Habs li jhalli lill-akkuzat jaghmel kors ta' rijabilitazzjoni mal-Caritas (Malta).

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

--------------------------------TMIEM--------------------------------